Malti mill-ideat li daħlu fit-tagħlim, għax kellhom jidħlu, fl-1934-39, għal tagħlim modern li jħares lejn il-Malti bħala l-mezz ta' komunikazzjoni ewlieni tal-Maltin u l-iżvilupp tal-moħħ u l-intelliġenza tagħhom.

It-tininett, u hu hawnhekk forsi fejn l-Akkademja tal-Malti għandha tidħol b'ruħha u b'ġisimha, hemm bżonn li l-kbar jagħmlu iktar attenzjoni fl-ortografija tal-Malti. Kemm iddoqq imġelġla kitba bil-Malti b'ortografija ħażina fost nies kolti, mexxejja tan-nazzjon, professjonisti, skrivani mal-Gvern, u nies oħra li wieħed jippretendi li għandhom ikunu jafu jiktbu, u jiktbu, bil-Malti tajjeb! Jekk tassew kif igħid l-Ingliż: *"Style is the man"*, jiddispjaċina ninnutaw li fis-soċjetà Maltija għad hawn ħafna nies influwenti li juru negliġenza kbira fl-ortografija Maltija: ma rridux ngħidu li din hi wirja ta' negliġenza fil-personalità u x-xogħol tagħhom.

Għamel kemm għamel żvilupp l-ilsien Malti lingwistikament, kulturalment, letterarjament u xjentifikament, ikollna nammettu li baqgħet magħna l-problema ta' l-ortografija. Għad baqa' ħafna nies f'Malta li, sfortunatament, ma jiktbux l-ilsien standardizzat. Jien inħoss li għandna nkunu iktar konxji tal-bżonn li neradikaw darba għal dejjem dan in-nuqqas, jekk hemm bżonn bil-koerżjoni. Ma nistax inġerragħ li f'pajjiż li għandu l-ilsien uffiċjali tiegħu, ilsien nazzjonali, u fis-sena li qegħdin ngħixu fiha, kitba saħansitra uffiċjali, amministrattiva u/jew legali għandha tibqa' tidher miktuba ortografikament ħażin. Barra minn dan għandha ssir kampanja biex tqajjem fost il-poplu kollu l-ħajra, ir-rieda u l-amor proprju biex kulħadd jitgħallem jikteb Malti tajjeb. L-Akkademja tal-Malti għamlet pass ta' ġgant lejn dan il-għan meta stabbilixxiet iż-Żieda mat-*"Tagħrif"* f'dak li jirrigwarda l-ortografija ta' kliem li daħal fil-Malti minn ilsna Rumanzi u Anglo-Sassoni — ħaġa li l-bżonn tagħha kien ilu jinħass u kien jippressa fuq il-lingwa. Issa għandna nkomplu dan il-pass siewi billi b'mezzi xierqa nqanqlu f'qalb il-poplu l-bżonn u l-kobor nazzjonali li kulħadd jikteb skond il-mod konvenzjonali stabbilit fil-pajjiż.

**J. Zammit Mangion**







***HYPHEN*** **— journal of Melitensia and the Humanities**

# OFFERTA LILL-QARREJJA TA' *Il-Malti*

**Fl-aħħar ħarġa ta' *Hyphen* hemm studja ta' Joe Zammit Ciantar dwar "Malti tas-Seklu Tmintax" — studju li jittratta dwar l-ewwel kitba voluminuża ta' proża bil-Malti li nafu biha sal-lum.**

**Il-Bord Editorjali ta' *Hyphen* qiegħed joffri kopja ta' dan in-numru għall-prezz speċjali ta' 50ċ.**

**Il-Bord qiegħed joffri wkoll SITT KOPJI minn dawn in-numri li fihom hemm l-artikli li ġejjin għall-prezz ta' Lm2 BISS.**

"Demgħat tas-Silġ" — *O. Friggieri u J. Brincat*
"The French Invasion — an unpublished account" — *G.V. Ellul*
"The Fortification of Malta 1530–1798: The Impact on the Maltese — *A. Hoppen*
"1921: Electoral Issues" — *D. Micallef*
"Ornithological Toponyms in Gozo — some observations" — *J. Zammit Ciantar*
"L-Element Romantiku f'Il-Jien u Lil Hinn Minnu" — *J. Vella*
"Il-Poeti Moderni" — *O. Friggieri*
"Eighteenth Century Malta — Prosperity and Problems" — *A. Luttrell*
"New Directions in Maltese Poetry" — *F. Sammut*
"Maltese Administrations and Reserved Matters 1921-1933" — *J.D. Bugeja*
"Linji Ġodda — Kummentarju" — *M. Azzopardi*
"Malta Before 870" — *A. Luttrell*
"The Future Tense in the Maltese Language" — *J. Zammit Ciantar*

**Ikteb u agħmel it-talba tiegħek flimkien ma' ċekk indirizzati lil**

***Hyphen,*** **(Att. L.J. Scerri)**
**Il-Liċeo l-Ġdid, Msida.**